# Il-Pellegrinaġġ ta' Dun Anton

kitba ta' Andrew Borg

*Dawk li ilhom joqogħdu fit-triq ewlenija ta' San Ġwann, Triq in-Naxxar, li dari, flimkien ma' ftit toroq oħra laterali, kienet tifforma dak li kien magħruf bħala l-Imsieraħ, żgur li huma midħla sew ta' dan il-pellegrinaġġ. Dan għaliex nhar Ħadd il-Passjoni, filgħodu kmieni, qabel biss tkun telgħet ix-xemx, imdorrijin jisimgħu dak it-tgedwid ta' nies jitolbu waqt li għaddejjin b'pass imgħaġġel u meqjus ġej mill-bogħod, li mbagħad jibda dejjem iżid. Xi wħud minnhom, maż-żmien, forsi tħajru jingħaqdu ma' dawn in-nies, u jaqbdu minn ħdejn bwiebhom ma' dan is-serbut ta' pellegrini, fi triq twila li twassalhom fis-santwarju għażiż tal-Madonna tal-Mellieħa. U allura, dawk li jafu b'dan il-pellegrinaġġ, ma jistax ikun li ma jafux ukoll bil-mibki Dun Anton Sciberras, li għal aktar minn erbgħin sena kien il-moħħ u l-magna wara dan l-att ta' fidi mżewweġ mas-sagrifiċċju. Kien għalhekk ġest mill-aktar sabiħ, dak tal-pubblikaturi ta' dan il-ktejjeb, li riedu jfakkru lil dan is-saċerdot qaddis li llum m'għadux magħna, iżda li ħallielna b'wirt, fost ħafna affarijiet oħra, dan l-appuntament annwali li jgħaqqad il-Ġiljaniżi mal-Ġwanniżi, man-Naxxarin u ma' tant nies oħra minn lokalitajiet li jinsabu fil-perkors ta' dan il-pellegrinaġġ.*

Dun Anton Sciberras, għalkemm ismu huwa marbut mal-parroċċa ta' San Ġiljan, l-aktar mal-knisja l-antika magħrufa l-aktar bħala "Ta' Lapsi", mhuwiex Ġiljaniż. Fil-fatt, huwa twieled in-Naxxar, iżda sa minn meta ħa l-quddiesa, intbagħat fil-parroċċa ta' San Ġiljan u baqa' fiha sa ma miet. Għalhekk, hemm sens ieħor għaliex hi ħaġa sabiħa li qed jidher artiklu dwaru fil-pubblikazzjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes iċċelebrata fil-parroċċa ta' San Ġwann. San Ġwann huwa l-lokalità li ġeografikament tgħaqqad in-Naxxar, ma' San Ġiljan. It-triq prinċipali tiegħu hija għalhekk triq li min jaf kemm terraq il-maħbub saċerdot tagħna biex mar lejn, jew ġie lura minn, raħal twelidu. U meta qed ngħidu jterraq, nifhmuha fil-veru sens tal-kelma, għax il-mixi kien parti mill-ħajja ta' kuljum ta' dan is-saċerdot ħabrieki. Iżda qabel inkomplu fuq il-mixi, u aktar speċifikament fuq dan il-pellegrinaġġ, ejjew naraw daqsxejn min kien Dun Anton Sciberras.



*Ritratt ta' Dun Anton Sciberras li jmur lura sew fi snin.*

## Dun Anton Sciberras

Dun Anton Sciberras[1] twieled fit-13 t'April 1922, miż-żwieġ ta' Anġlu u Karmena, imwielda Sciberras ukoll. Kien wieħed minn tnax-il tifel u tifla li kellha din il-koppja Naxxarija. Familja sabiħa u kbira, kif kienu l-familji dik il-ħabta. Il-faqar sa minn dejjem ikkaratterizza l-ħajja ta' Dun Anton. Il-familja tiegħu ma kinitx tat-tajjeb, u b'dawk it-

tfal kollha wieħed ma jistenniex li kienu jgħixu xi ħajja komda. Imma l-kumdità x' inhi? Li kellna nistaqsu din il-mistoqsija lil Dun Anton, kien iweġibna li ma jafx x' inhi, u la ma jafx x' inhi, sinjal li ma kinitx importanti għalih. Fil-fatt fid-dar tiegħu f'San Ġiljan, is-sitwazzjoni qatt ma kienet aħjar minn hekk, u hu flimkien ma' ħutu dejjem għaddew mingħajr dawk l-affarijiet kollha li aħna lanqas biss noħolmu li ngħaddu mingħajrhom: televixin, radju, telefown, ħiters u x'naf jien. It-telefown daħal meta veru kellhom bżonnu minħabba l-età anzjana tagħhom u l-mard li beda jaħkimhom u ddobba kompjuter antik biex jgħaddi siegħa żmien jikteb, xi ħaġa li kien iħobb jagħmel ta' kuljum.

Dun Anton irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-gvern fin-Naxxar stess. Ta' età żgħira ħafna daħal abbati u kien iservi fil-parroċċa. Fl-1934 insibuh qed jagħmel il-priedka tal-Milied. Sa dak iż-żmien, il-ġenituri tiegħu diġa kellhom indikazzjoni ċara lejn xiex kien miġbud Toninu tagħhom. Ħuh Ġanninu kien ta' eżempju kbir għalih meta kien qed jistudja għal patri. Iżda dan miet żgħir. Għalhekk, kien imiss lil Toninu li jsegwi l-passi ta' ħuh. Hekk fl-1935 daħal is-Seminarju l-Furjana fejn baqa' jistudja sakemm sar qassis.

Kien ordnat saċerdot mill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Mikiel Gonzi ġewwa l-kon-Katidral ta' San Ġwann nhar it-3 t'Awwissu 1947. L-ewwel quddiesa solenni tiegħu għamilha fil-festa tal-Bambina fil-parroċċa tiegħu, in-Naxxar. Iżda ma damx aktar minn sena n-Naxxar għax l-Isqof bagħtu jwettaq il-missjoni saċerdotali tiegħu f'San Ġiljan.[2] Minnufih ingħata t-tagħlim tal-katekiżmu f'idejh mill-kappillan ta' dak iż-żmien, ċertu Dun Anton Debono, xi ħaġa li baqa' jagħmel taħt sitt kappillani oħra, fi kliem ieħor sa l-aħħar ta' ħajtu. Mill-ewwel beda jaħdem ukoll fi ħdan il-fergħat tal-Azzjoni Kattolika tal-irġiel u tal-aspiranti. Mill-ewwel ukoll bdiet il-ħidma tiegħu għall-bżonnijiet tal-Missjoni. Huwa kien li beda jxettel fil-parroċċa Ġiljaniża l-imħabba lejn il-missjonijiet. Iżda din il-ħidma fil-qasam tal-missjoni ma kinitx ristretta biss għal San Ġiljan.

Fil-fatt, hu kien jaħdem fl-uffiċċju missjunarju l-Belt Valletta.[3] Fost affarijiet oħra kien jgħin fil-ġbir ta' flus biex jintbagħtu fl-artijiet tal-Missjoni, l-aktar fl-Afrika u fl-Indja. Kien jagħti daqqa t'id fil-ġbir ta' bolli wżati wkoll.[4] Kien jirsisti biex familji Maltin jaddottaw tfal u jgħinuhom f'artijiethom stess fl-istudji tagħhom sabiex isiru saċerdoti. Din il-ħaġa, Dun Anton kien jemmen fiha ħafna. L-aqwa għajnuna mhijiex dik materjali, imma dik spiritwali. Kien jaf sew li għada pitgħada, is-saċerdoti fix-xaqliba tagħna tad-dinja kienu se jonqsu drastikament, u għalhekk kien meħtieġ li jitrawmu u jkunu edukati tfal mill-istess artijiet tal-Missjoni, biex ikomplu jaħdmu l-għalqa tal-Mulej f'dawk in-naħat.

Ħidma oħra relatata mal-Missjoni kienet fil-kamp editorjali, fejn huwa ta kontribut għal snin twal fil-pubblikazzjoni "Malta Missjunarja" (li għal xi żmien kien issemmiet "Knisja Missjunarja")[5]. Ir-rakkonti tiegħu mnebbħa mit-tagħlim u l-fidi nisranija ma jingħaddux. Il-leġġendi u l-ħrejjef miġbura mill-pajjiżi tad-dinja kollha kienu l-għaxqa tiegħu. Kien iħobb jikteb, u għalhekk ma niskantawx li nsibuh ukoll editur tal-pubblikazzjoni tal-parroċċa ta' San Ġiljan, "Il-Mixja".[6] Dan ix-xogħol dam jagħmlu għal ħafna snin, imbagħad, maż-żmien bdejna nagħmluh jiena u hu flimkien.

Ippubblika diversi kotba li jinkludu diversi ġabriet ta' leġġendi rrakkuntati f'forma ta' poeżiji, kif ukoll ġabriet oħra ta' stejjer. Ma' dawn ma nistgħux ma nsemmux il-ktejjeb dwar il-ħajja ta' San Ġiljan Ospitalier, ukoll f'forma ta' poeżija. Dwar dan il-qaddis għandna wkoll it-traduzzjoni tax-xogħol tal-awtur Franċiż, Gustave Flaubert. Din dehret bħala sensiela fl-istess pubblikazzjoni tal-parroċċa ta' San Ġiljan imsemmija aktar 'il fuq. Kiteb dwar il-lokalità ta' San Ġiljan u anke dwar dik nattiva tiegħu, in-Naxxar. Dwar il-patruna



*Dun Anton Scuberras jidher isellem lill-E.T. Mikiel Gonzi, arċisqof ta' Malta, mal-wasla tiegħu fil-bajja ta' San Ġiljan f'jum it-tqiegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.*

tan-Naxxar kiteb ġmiel ta' kantata bl-isem 'Bi Twelidek Rebbaħtna'.

S'issa ġew ippubblikati ġabra ta' ħsibijiet li kienu jidhru f'"Il-Mixja", fl-Ewwel Volum ta' "Dun Anton: Kitbietu Miġbura", sensiela li qed nieħu ħsiebha jiena stess. Fil-volumi li jmiss se jidhru l-kumplament tal-kitbiet kollha tal-imsemmi, li mhumiex ftit. Dan kollu jinsab ukoll miġbur fl-Arkivju tal-Parroċċa ta' San Ġiljan, li Dun Anton Sciberras innifsu beda jieħu ħsieb fuq inizjattiva personali tiegħu, u li wara għadda f'idejn l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi.

## Il-Pellegrinaġġ

Niġu issa għall-pellegrinaġġ. Li Dun Anton kien iħobb jimxi, tajna ħjiel fil-bidu ta' din il-kitba. Kull min jafu, żgur li jiftakru b'dik il-mixja mgħaġġla tiegħu, rasu kemmxejn baxxuta, u b'dik l-id li titla' u tinżel minn ħin għall-ieħor biex issellem lil dak u lill-oħra. Kull fejn imur, kien imur bil-mixi jekk jista' jkun. John Agius, ġurnalista, illum irtirat, jiftakar b'nostalġija, fi żmien tfulitu, "il-ħarġiet li kien jeħodna miegħu...kullimkien bil-mixi, anke ċ-Chadwick Lakes u lura, bil-mixi konna mmorru... fis-sajf ħadna kemm -il darba ngħumu s-Salina, u l-istess bil-mixi 'l hemm u 'l hawn."[7] Victor Scerri, Naxxari, midħla sewwa ta' Dun Anton, ukoll jiftakru dejjem għaddej "jaqdef.... u sakemm saħħtu tagħtu ma fittixx il-kumdità ta' karozza."[8] Min jaf kemm kienu jieqfulu biex jagħtuh *"lift"*, fi triqtu lejn knisja jew oħra (għax hu kien iqaddes u jqarar kemm fil-knisja l-antika ta' Lapsi, kif ukoll fil-ġdida), jew inkella fi triqtu lejn l-isptar, fejn kien imur regolarment biex iżur il-morda, imma hu kien jirrifjuta. Il-Bambin tani riġlejja u sakemm niflaħ nużahom, nibqa' nużahom, kien jagħti 'l dak li jkun x'jifhem b'diskorsu. Kien daħal sew fiż-żmien meta kellu jċedi, u jibda jirkeb karozza meta ried imur xi mkien 'il bogħod.

Anke l-imsemmi pellegrinaġġ, baqa' jieħu sehem fih tista' tgħid sal-aħħar. U sakemm tagħtu saħħtu kien dejjem jirnexxilu jimxiha kollha sal-Mellieħa. Wieħed jista' jimmaġina kif bniedem bħal Dun Anton li kien iterraq ta' kuljum, distanzi varji, bejn qosra u oħrajn twal mhux ħażin, kien imħarreġ u fiżikament imħejji sewwa għall-mixja twila bħal din. Imbagħad kien hemm is-sagrifiċċju, li kien il-ħobża tiegħu ta' kuljum. Il-pellegrinaġġ kien l-inkurunazzjoni tal-ħajja sagrikanti li kien igħix l-imsemmi saċerdot. Is-sodisfazzjon li

kien jidher fuq wiċċu, ta' kull sena, hekk kif il-pellegrini kienu jaslu l-Mellieħa, kien kbir wisq. Kont tisthajlu qiegħed fil-ġenna tal-art. Anqas sinjal ta' għejja. "Niltaqgħu sen' oħra!" kien igħid lil kull min ħa sehem flimkien miegħu.

U sena wara sena, Dun Anton irnexxielu jagħmel daqs erbgħin pellegrinaġġ. Fil-fatt, l-ewwel wieħed imur lura għas-sena 1962, fil-qalba tal-inkwiet politiko-reliġjuż li kien qed jaħkem f'pajjiżna. Kif jistqarr Dun Anton stess fi ħsieb li deher f'"Il-Mixja" ta' Marzu 1993[9] "il-Ġiljaniżi ta' dakinhar, ħafna minnhom illum mejta, ħassew li għandhom jagħmlu dan is-sagrifiċċju ħalli l-Madonna tindaħal għall-maħbuba artna." Fil-ktieb tal-festa ta' San Ġiljan tal-1991 hemm rakkontat li "dik il-għodwa tat-8 t'April 1962, għadd ġmielu ta' nies –bejn 40 u 50 ruħ – telqu mill-knisja parrokkjali ta' Lapsi fl-erbgħa ta' filgħodu... u waslu (l-Mellieħa) għall-ħabta tad-disgħa..."[10] Fl-istess artiklu hemm indikat li qatt ma kien il-ħsieb li dan il-pellegrinaġġ jibqa' jsir. Oriġinarjament kien ħaġa ta' darba. "Imma l-aħwa Ġanni, Ġużi u Ġiġi Pace Bonello ħajruh biex is-sena ta' wara jerġa' jagħmlu."[11] B' hekk baqa' jsir ta' kull sena, anke jekk kif igħid Dun Anton stess, maż-żmien l-għan tal-pellegrinaġġ inbidel billi din l-imsemmija problema ssolviet. Dun Anton kien konvint li l-Madonna riditu dan il-pellegrinaġġ, u dan jidher "fl-għadd dejjem jiżdied ta' pellegrini," u "fil-fatt li dejjem sar kull sena f'jum tal-Ħadd tal-Passjoni u minkejja t-temp, ġieli bix-xita, li ħafna drabi sibna ruħna fih."[12] Dwar l-għadd ta' parteċipanti fih, jidher li dan kompla jiżdied sew, tant li ġieli kien rappurtat li dawn qabżu l-erba' mija.[13]

Il-pellegrinaġġ kien u għadu jsir ħmistax qabel Ħadd il-Għid, u baqa' dejjem jitlaq minn ħdejn il-knisja ta' Lapsi, kmieni filgħodu qabel titla' x-xemx. Kelinu s-sagristan jiftaħ il-knisja biex qabel it-tluq tal-pellegrinaġġ issir viżta lil Ġesù Sagramentat.[14] Mill-ewwel għat-telgħa. Għal min ma jiġix ippreparat, din diġa' jħossha iebsa. Imbagħad ftit wita u għan-niżla ta' B'Kara (B'Kara Hill). Minn Triq Birkirkara l-pellegrini jidħlu San Ġwann fi Triq in-Naxxar li teħodhom għal Tal-Balal u dritt lejn in-Naxxar. Tul din it-triq kollha, tista' tgħid, dejjem għat-telgħa. Wara n-Naxxar il-pellegrini jieħdu ftit ruħ hekk kif jibdew neżlin lejn Burmarrad. Fil-fatt, biswit il-knisja ta' Burmarrad isir waqfien qasir għal ftit mistrieħ u ftit kafe'. Iżda l-isbaħ parti tal-pellegrinaġġ tkun għaddiet, għax minn hawn 'il quddiem jibda jisbaħ u jibda wkoll jiżdied it-traffiku. Imbagħad jibda l-kalvarju... l-ewwel it-telgħa tax-Xemxija, imbagħad l-imbierka telgħa tal-Mellieħa.


*Dun Anton qed jagħmel id-diskors tiegħu fl-inawgurazzjoni tas-saqaf restawrat tal-Knisja ta' Lapsi.*

Dun Anton kien u baqa' jinsisti sal-aħħar li dan mhux ħajk imma pellegrinaġġ. Għalhekk kien jingħad it-talb tar-rużarju u tal-Via Sagra, kif ukoll kienu jitkantaw innijiet sagri. Jintuża megafown li dari kien jinġieb mingħand il-Kappillan tal-Għargħur u dak tal-Mellieħa.[15] Fuq quddiem nett jimxi wieħed jew waħda bis-salib u maġenbu żewġ lanterni. Warajhom il-pellegrini. Nisa. Rġiel. Kbar u żgħar. Anke anzjani. Dun Anton kien jesiġi serjeta': "(meta) ma nkunux ngħidu t-talb ma noqogħdux inparlaw u nidħku qisna f'xi xalata; ma noqogħdux

niġru minn hawn għal hemm u noħorġu mill-fila tal-pellegrinaġġ."[16]

Fi tmiem il-pellegrinaġġ, kulħadd kien jattendi għall-quddiesa fis-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, knisja żgħira, iżda ħelwa u devozzjonali ħafna. Wara jkun hemm it-trasport lura lejn San Ġwann u San Ġiljan, għax ovvjament, ħadd ma jkollu aptit jimxiha lura.



*Il-Qoxra tal-ktieb DUN ANTON KITBIETU MIĠBURA VOL.1, ippubblikat mill-awtur ta' dan l-artiklu.*

Sfortunatament, Dun Anton Sciberras ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-25 ta' Jannar 2006. Fortunatament, il-wirt li ħallielna, għadna ngħożżuh u l-pellegrinaġġ li beda u kiber bis-saħħa tiegħu, baqa' jsir anke wara mewtu. Intom li mdorrijin tmorru ta' kull sena la taqtgħux qalbkom minnu, u ibqgħu ħudu sehem fih bi ħġarkom. Intom li qatt ma smajtu b'dan il-pellegrinaġġ jew qatt ma tħajjartu tipparteċipaw fih, ippruvawh u ma jiddispjaċikomx. Dun Anton iberikkom żgur minn fejn qiegħed, u xi kelma mal-Mulej jgħaddilkom żgur, biex ikollkom post riservat hemm fuq!

[1] Dan it-tagħrif kont ġbartu meta kont qed inħejji *Dun Anton Kitbietu Miġbura – L-Ewwel Volum*, Deer Publications (2007)

[2] Dwar il-miġja ta' Dun Anton Sciberras bħala qassis novell f'San Ġiljan, aqra Calleja, Karm (Kan.), 1992, 'Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech', f'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991, (Fiorini, S. ed.) pp. 215-224.

[3] John Agius fl-artiklu tiegħu, 'Kif naf lil Dun Anton,' li deher f'Il-Mixja, Awwissu 1997, (p. 6), isemmi li dan l-uffiċċju kien f'numru 266 fi Triq San Pawl, il-Belt. Illum nafu li qiegħed fi Triq Merkanti.

[4] Dwar din l-attività kienet tinvolvi "(li l-bolli) kienu jitnaddfu, jingħażlu u jerġgħu jinbiegħu għad-dilettanti u l-kollezjonisti.

[5] Ir-rivista *Malta Missjunarja* bdiet toħroġ f'Ottubru 1932. F'Novembru 1978 kienet kostretta b'liġi dwar l-użu tal-isem ta' Malta, biex tibdel l-isem tal-pubblikazzjoni għal *Knisja Missjunarja*. Iżda fi Frar 2003 reġgħet ħadet l-isem oriġinali tagħha.

[6] *Il-Mixja tal-Komunità ta' San Ġiljan lejn il-Verità* kienet il-pubblikazzjoni tal-parroċċa ta' San Ġiljan minn Settembru 1976 sa Awissu 2004 meta twaqqfet mill-Kappillan Ray Toledo, biex tagħti postha għall-magazin tal-parroċċi kollha, *Flimkien*.

[7] Agius, John, 2006, 'Dun Anton Sciberras' *f'Leħen il-Kunsill Tiegħek San Ġiljan*, Harġa 25, pp. 17-19

[8] Scerri, Victor, 2006, 'Dun Anton Sciberras, Is-Saċerdot tal-Poplu' fil-*Programm tal-festa ta' Marija Bambina,* maħruġ mill-Banda Peace, Naxxar, p. 73

[9] Sciberras, Dun Anton, 1993, 'Il-Pellegrinaġġ' f'*Il-Mixja*, Vol. 17, Nru. 197.

[10] *San Ġiljan Festa 1991*, 'Il-Pellegrinaġġ tal-Mellieħa, p. 53.

[11] Ibid.

[12] Sciberras, Dun Anton, 1993, op. cit.

[13] *San Ġiljan Festa 1991*, op. cit.

[14] Ibid.

[15] Ibid

[16] Sciberras, Dun Anton, 1993, op. cit.